# LAQGĦA TAL-LOKALITA’ 2008

**Minuti tal-laqgħa tal-lokalita' 2008 li saret nhar it-Tnejn 28 t' April 2008**
**Fis-Sala Joe Tabone fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Nadur**
**Il-Laqgħa bdiet fit-8:00 ta' filgħaxija**

---

Preżenti għal-laqgħa kien hemm is-sindku, Miriam Portelli li mexxiet il-laqgħa, il-viċi sindku, Charles Said, il-kunsilliera Maria Natoli, Jonathan Buttigieg, Rita Mifsud, s-Segretarju Eżekuttiv Rita Mifsud Attard u 13-il persuna oħra.

Is-Sindku beda l-laqgħa bit-talba u tat spjegazzjoni għaliex issir il-laqgħa pubblika.

Is-Sindku informat lil dawk preżenti dwar il-budget li ġie mfassal mill-Kunsill. F’ dan il-budget hemm allokat fondi sabiex isiru tliet toroq fiċ-ċentru bit-tarmac u biex jibda riabilitazzjoni tal-barriera ta’ sopu. Il-komplament tal-budget jintuża għall-kuntratti rikurrenti u amminstrazzjoni kif ukoll għall-attivitajiet kulturali li jsiru matul is-sena.

Is-Sindku stiednet lin-nies preżenti sabiex jagħmlu l-kummenti tagħhom. Joe Said ta’ Triq Dun Gorg Preca lmenta dwar il-ħmieġ tal-klieb speċjalment fi Gnien il-Kunsill. Ġie ssuġġeriet li tintbagħat ittra lir-residenti kollha jew man-newsletter tal-Kunsill dwar dan.

Żagħżagħ. Issemma l-bżonn li jkun hemm ċentru għaż-żgħażagħ tal-lokal. Is-Sindku qalet li diġa hemm ħsieb li jkun hemm Focus Group għaż-żagħżagħ bil-kollaborazzjoni mal-Ministeru ta’ l-Edukazzjoni u Kultura. Il-Kunsill diġa għamel kuntatt mas-Segretarju Parlamentari għaż-żagħżagħ u sport.

Traffic Management. Raymond Vella lmenta dwar in-nuqqas ta’ tabelli tat-traffiku tajbin.

Gbir ta’ Skart. Kien hemm ilment li qed ikun hemm ħafna boroż ta’ skart barra qabel il-ħin ta’ ġbir. Kien hemm qbil li hemm bżonn li min żmien għal żmien jintbagħhu reminders lir-residenti kollha tan-Nadur dwar il-ħinijiet meta wieħed jista joħroġ il-boroż ta’ skart barra, inġibed l-attenzjoni wkoll li ħafna residenti jkunu xogħol u ma jkunux jistgħu joħorġu l-iskart fil-ħinijiet stipulati.

Maria Finger talbet jekk inhu possibli sabiex jitnadaf il-wied ta’ Binġemma.

Riċiklaġġ. Peress li s-sistemma ta’ ġbir ta’ skart riċiklabbli għadu ma bediex hemm xi konfuzjoni dwar din is-sistema. Il-Kunsill informal ill dawk preżenti li kif ikun hemm aktar dettalji l-Kunsill ser jinforma lir-residenti permezz tal-bulletin.

Latrina fil-Bajja ta' Daħlet Qorrot. Peter Paul Portelli talab li l-latrina fil-bajja ta' Daħlet Qorrot tibqa miftuħa aktar tard fis-sajf peress li jinżlu ħafna nies fil-bajja filgħaxija. Hu ġie nformat li l-latrina qegħda tingħalaq minħabba l-fatt li m'hemx dawl f'din il-bajja. Ġie ssuġġerut li nitolbu lis-sid tal-kiosk li jkun hemm fil-bajja sabiex inqabdu bozza mal-generator tiegħu.

Pjazza San Pietru u San Pawl. Gie ssuġġerit li s-siġar tal-palm li hemm madwar iż-żuntier tal-knisja jinqala peress li dawn huma perikulużi u jagħmlu l-bankina inaċċessabli.

Newsletter. Kien hemm numru ta' residenti barranin preżenti għall-laqgħa u dawn talbu li meta l-Kunsill joħroġ xi newsletter jkun hemm parti minnha bl-Ingliż.

Toroq. Issemmiet l-istat ħażin li tinsab fihi Triq Ta' Grunju. In-nies preżenti ġew informati li din it-triq mhux tan-Nadur iżda qegħda fil-limiti tal-Qala. Il-Kunsill tan-Nadur għamel diversi talbiet lill-Kunsill tal-Qala sabiex din it-triq tiġi rranġata. Fil-fatt il-Kunsill tan-Nadur meta għamel ix-xogħol ta' resurfacing fi Triq ta' Grunju (il-parti li tagħmel man-Nadur) għamel ukoll parti li qegħda fil-limiti tal-Qala. Issemma ukoll il-bżonn li tittranġa it-Triq ta' Bordin. Intqal li din ukoll mhux fil-konfini tan-Nadur, iżda ta' Għajnsielem.

Drenaġġ. Kien hemm ilment dwar ir-riħa ta' drenaġġ li hemm fi Triq l-Imgarr. Dan l-ilment għandu jitressaq għand il-korporazzjoni ta' l-ilma li tieħu ħsieb id-drenaġġ ukoll.

Nadur Youngsters F.C. Is-Segretarja tan-Nadur Youngsters F.C. Joe Camilleri rringrazzja lill-Kunsill għal għajnuna li dejjem sabu mill-Kunsill.

Il-laqgħa ntemmet fid-9:05 p.m.

**Miriam Portelli, Sindku** **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**